Ħbieb il-Kappelli Maltin

# GĦAQDA ĦBIEB IL-KAPPELLI MALTIN

April 2024

Ħarġa Nru 39



Hbieb il-Kappelli Maltin

**PO Box 17, Qormi QRM 1000, Malta**
e-mail: **hbiebkappellimaltin@gmail.com**
**Facebook: Hbieb il-Kappelli Maltin**

# EDITORJAL

Għeżież Membri u Ħbieb,

Il-Kanonku Dun Jonathan Farrugia reġà tana itenerarju mill-aqwa fiż-żjarat li għamilna fil-knejjes tal-Isla. U minn jeddu tana wkoll tagħrif dwar l-Orotorju tal-Gandlora, li sfortunatament illum jintuża bħala sala tal-parroċċa. Almenu l-kwadri jinsabu ġewwa l-Bazilika fejn wieħed xorta waħda jista japprezzahom. Imma aħjar kieku qedgħin f'posthom fejn kienu ntenzjonati meta tpittru.

Għax-xahar ta' April il-Kumitat kien ħaseb biex inżuru knejjes / kappelli fir-raħal ta' Ħal Għargħur. Imma kellna nbiddlu l-programm wara li l-Kappillan qalilna li bosta toroq fil-lokalità kienu magħluqin minħabba x-xogħolijiet infrastrutturali u għalhekk ma stajniex immorru billi konna se nżuruhom bil-mixi għax m'hemmx bogħod minn xulxin. Issa se nżuru tlett knejjes fil-lokalità ta' Ħaż-Żabbar, dik tal-Isitut ta' San Ġużepp, ta' San Ġakbu fix-Xgħajra, u San Niklaw fiż-Żonqor.

Imma aktar dettalji ssibuhom bħal dejjem fiċ-ċirkolari li tinħareġ separatament ma' dan il-Fuljett.

Narawkom mela.

*N. Gingell*
Għal Kumitat



Membri jisimgħu lil Fr Jonathan Farrugia fl-oratorju tal-Isla

**Kumitat 2024-2025**

**President**
Rita Buhagiar

**Viċi-President**
Miriam Schembri

**Segretarju**
Adrian Schinas

**Teżorier**
Angele Xuereb

**Relazzjonijiet Pubbliċi**
Norbert Gingell

**Korrispondenza**
RoseAnn Mamo

**Amministratur Facebook**
Owen Caruana

**Membru**
Godfrey Mangion

**Fuljett**

**Ġbir ta' informazzjoni:** Norbert Gingell

**Issettjar:** Miriam Schembri

**Għal aktar tagħrif u stejjer fid-dettal dwar il-kappelli żuru s-sit**

***www.kappellimaltin.com***

Ritratt tal-faċċata:

Kurċifiss fl-Oratorju l-Isla

Ritratt: Norbert Gingell

# L-Oratorju tas-Santissima Kurċifiss L-Isla




L-altar tal-Kurċifiss fl-oratorju tal-Isla

Fis-sena 1727, il-membri tal-Fratellanza tal-Kurċifiss, bdew jaħsbu biex jibnu Oratorju fuq biċċa art mogħtija lilhom mill-Kavallier Emmanuel Pinto, aktar tard Gran Mastru tal-Ordni ta' San Ġwann. Il-bini kollu tlesta fl-1733 u kienu responsabbli għalih l-arkitett Claudio Durante, il-kapumastru Francesco Zerafa u l-iskultur Pietru Pawl Zahra, it-tlieta li huma wlied din il-belt.

Id-daqs spazjuż, il-linji arkitettoniċi u l-iskultura fina li żżejnu, jagħmlu minn dan l-Oratorju eżempju klassiku tal-arti Barokka  tas-Seklu 19. Il-ħitan huma mqassma fi spazji wesgħin, mifrudin minn gruppi ta' pari ta' pilastri li jagħmlu sfond ideali għal sett ta' sitt Anġli kbar tal-ġebel, li kull wieħed iġorr simbolu tal-Passjoni. Il-faċċata prinċipali tal-artal ewlieni wkoll toffri spettaklu ta' skultura Barokka, li tiffoka l-attenzjoni fuq niċċa li fiha tagħlaq xbieha ta' Ġesu' Imsallab. Dan il-Kurċifiss kbir tal-injam inġieb minn Ruma apposta biex jitqiegħed f'din in-niċċa, li d-dahar tagħha huwa miksi b'mijiet ta' relikwi ta' Qaddisin, miżmuma f'teki u kaxxi dekorattivi. Fil-mensa tal-artal maġġur hemm ippreservati għall-qima, il-fdalijiet ta' San Vittorju, martri, li kienu nġiebu minn Ruma fl-1788.

Fil-parti ta' fuq tal-ġnub tal-Oratorju, fl-ispazji bejn l-Anġli, hemm sitt pitturi ta' valur kbir, erbgħa tal-pittur magħruf Senglean Francesco Zahra, u t-tnejn l-oħra tal-pittur ċelebri Mattia Preti. Fil-parti t'isfel hemm sett ta' pitturi ta'



Ħarsa lejn l-oratorju tal-Isla



Ill-Kurċifiss

Ġużeppi Bonniċi, Senglean ieħor, li jirraffiguraw is-Seba' Duluri tal-Madonna.

Imma ċ-ċentru tal-attenzjoni u tad-devozzjoni f'dan l-Oratorju, hija bla dubju x-xbieha mirakoluża ta' Ġesu' Redentur. Din l-istatwa tant magħrufa tas-Salib fit-triq tal-Kalvarju, ilha għal aktar minn tliet sekli, xbieha b'qima u devozzjoni qawwija u dejjiema. Tant hu hekk, illi fis-sena 1751, b'digriet tal-Papa Benedittu XIV, ingħata privileġġ uniku illi fl-Oratorju tal-Kurċifiss u sewwasew quddiem in-niċċa tar-Redentur, jitqiegħed artal permanenti biex isir quddies fuqu tul is-sena kollha. Sa żmienna, eluf ta' devoti ta' kull ġimgħa, imma l-aktar fi żmien ir-Randan u l-Ġimgħa l-Mqaddsa, jiġu jinvistaw b'qima u jitolbu b'ħerqa quddiem din ix-xbieha għażiża. L-eluf kbar li jimxu wara din l-istatwa devota kull meta tinħareġ f'pellegrinaġġ hija wkoll xhieda awtentika tad-devozzjoni qawwija u l-kult marbut ma' din l-istatwa.



Ir-Redentur tal-Isla

L-ebda informazzjoni ma nstabet dwar l-oriġini ta' din l-istatwa jew min ħadimha. Li hu żgur hu li tmur lura lejn il-bidu tas-seklu 18, u d-devozzjooni lejn din l-istatwa kien mill-bidu net minn meta nġiebet f'Malta. Fis-seklu 19, eżattament fl-1813, Malta inħakmet mill-pesta qerrieda, b'mijiet imutu kull ġimgħa. Il-Kapitlu tal-Parroċċa ħalef li jekk l-Isla tinħeles mill-pesta jżommu tliett purċissjonijiet fis-sena, fosthom bl-istatwa tar-Redentur, li għada ssir sal-lum.

Il-Fratellanza tal-Kurċifiss dejjem ikkurat mill-aħjar li setgħet dan l-Oratorju tagħha. L-armar rikk u d-dekorazzjonijiet prezzjużi li bihom jiżżejjen dan l-Oratorju, l-aktar fil-jiem tal-festa titulari ta' Marija Bambina nhar it-8 ta' Settembru, jixhdu għal dan. Dan l-Oratorju, u kulma fih, huwa patrimonju artistiku inestimabbli kemm tal-Parroċċa kif ukoll tal-Belt Senglea.

Kienet bi grazzja t'Alla u b'xorti kbira li dan l-Oratorju ħelisha bi ftit ħsarat biss fi żmien it-Tieni Gwerra Dinjija, minkejja l-ħerba li ġarrbet l-Isla, b'mod partikulari bit-tiġrif kważi totali tal-Bażilika.




L-oratorju tal-Kurċifiss fi żmien it-Tieni Gwerra Dinjija

Kitba u Ritratti : N Gingell

*Informazzjoni mitluta mis-sit Parrokkjali tal-Isla u mnn diversi sorsi mill–internet*

# Il-Knisja ta' Sidna Marija Tal-Porto Salvo u L-Kunvent San Filippu L-Isla



Kif wieħed iħares lejn l-Ponta tal-Isla fil-pront jilmaħ il-koppla ħamranija li tiddomina fuq dan il-promontorju, dik tal-knisja ddedikata lil Sidtna Marija Porto Salvo.

Filwaqt li l-knisja parrokkjali tal-Isla tinsab mibnija fuq it-tarf tan-naħa tal-Forti San Mikiel, dawk li kienu joqgħodu n-naħa tal-Ponta ħassew il-ħtieġa li timbena knisja oħra imdaqqsa, fuq dik li kienet magħrufa bħala 'l -Għolja tal-Mitħna'. B'hekk, fl-1596, naraw il-bini tal-ewwel knisja tal-Madonna tal-Porto Salvo, frott il-ħeġġa u bil-ġenerożità tal-parruċċani.

L-Isqof Tumas Gargallo, ħatar lil Dun Leonard Feliċi bħala Rettur ta' dik il-knisja ġdida. Filwaqt li l-qisien ta' din il-knisja huma mitlufa, jidher li kienet kbira biżżejjed biex fiha jkun hemm erba' altari oħra barra l-altar maġġur. Fuq l-altar iddedikat lill-Madonna tar-Rużarju, fit-13 ta' Jannar 1598, twaqqfet il-Fratellanza tar-Rużarju, it-tieni Fratellanza fl-Isla wara dik tas-Sagrament.

F'Lulju 1661, żewġ qassisin, Dun Xmun Schembri u Dun Evanġelista Gandolfo, u żewġ djakni, ir-Reverendi Ġużeppi Lamagna u Orazju Mifsud,




Il-Madonna tat-Tama (1690)
*Stefano Erardi (1630-1716)*
*Knisja tal-Madonna ta' Porto Salvo (Ta' San Filippu) - Isla*

Il-kwadru titular tal-Madonna tat-Tama



Dehra tal-knisja u l-artal maġġur

ilkoll mill-Isla, tħajru jiftħu Oratorju ta' San Filippu Neri fl-Isla stess. Fit-28 ta' Marzu 1662, l-Isqof Balaguer ħareġ id-digriet li bih laqa' t-talba biex dawn il-qassisin jgħixu f'komunità taħt ir-Regola li San Filippu Neri kien kiteb għall-qassisin f'Ruma. L-Isqof għadda f'idejhom wkoll il-knisja antika tal-Madonna tal-Porto Salvo. Filwaqt li huma baqgħu taħt il-ġurisdizzjoni ta l-Isqof, il-kappillan żamm id-dritt tal-propjetà tal-knisja u tal-art ta' madwar il-knisja, inkluż il-mezzanin li kien inbena fl-1655.

L-ewwel Superjur tal-Oratorjani kien Dun Xmun Schembri. Taħt it-tmexxija tiegħu, l-Oratorjani fl-Isla intefgħu fuq għajnuna spiritwali, iritiri u direzzjoni spiritwali, qrar u predikazzjoni. Wara ftit snin, l-Oratorjani ħassew il-bżonn ta' knisja akbar u ta' kunvent akbar fejn setgħu jaħdmu u jitolbu aħjar. Fl-1669, huma ħadu il-mezzanin u biċċa art ta' ħdejn il-knisja u minflokhom bdew jibnu kunvent bi kjostru fin-nofs tiegħu. Fl-1670, twaqqgħet il-knisja l-qadima u minflokha bdiet tielgħa oħra akbar, dik li naraw illum. L-arkitett kien is-Senglean Mastru Karlu Vella.

Il-knisja, li damet timbena sa l-1690, issa ħadet forma ta' salib latin. Damet tinbena minħabba l-imxija tal-pesta li laqtet lil Malta fl-1675. Fl-Isla, minn popolazzjoni ta' qrib l-4000, mietu 1885, imkluż 19-il qassis, fosthom il-kappillan stess, Dun Franġisk Azzopardi, li miet bil-bieb ta' daru mbarrat minn barra mill-pulizija.

In-nies tal-post għenu lill-Oratorjani b'xogħol mingħajr ħlas, bil-Prepostu stess, Dun Xmun Schembri, iġorr il-karretta bil-laqx jew jagħġen it-tajn ħalli l-bennejja jħaffu f'xogħolhom.

Il-knisja ġdida ġiet imżejna b'opri ta' skultura u bi kwadri artistiċi mill isbaħ. Il-kwadru titulari tal-Madonna tal-Porto Salvo tbierek il-Port il-Kbir, huwa xogħol ta' Stefano Erardi (1690). Flimkien mal-Madonna, jidhru erba qaddisin: Sant'



Il-kwadru tat-titular u apside

lermu u Santa Katerina ta' Lixandra, protetturi tal-baħħara, San Pawl u Sant' Agata, protetturi ta' Malta. Is-saqaf tal-Kor huwa maqsum f'erba' flieli, impinġijin minn Lazzaro Pisani, pittur ta' fama. Fuq il-presbiterju, jolqot ħafna għajn l-altar maġġur skolpit fl-irħam rikk. Fuq in-naħa tal-lemin tal-presbiterju, hemm il-kappellun ta' San Filippu Neri, bil-kwadru mpitter mill-Kavallier Pedro Nunez da Villavicencio, li jinsab imdawwar bi skultura fil-ġebla maltija, xogħol ta' Petruzzo Debono. Statwa ta' Ġesu Redentur, xogħol fil-kartapesta ta' Karlu Darmanin, tinsab f'niċċa fonda fil-ġenb ta' dan l-altar.

L-altar tal-kappellun fuq in-naħa tal-lemin tal-presbiterju huwa l-uniku altar f'Malta iddedikat lill-Madonna ta' Guadalupe. Is-Senglean Tommaso Madiona pitter il-kwadru titulari ta' dan l-artal. Bejn l-altar maġġur u l-altar ta' Guadalupe insibu l-altar tal-Kurċifiss. Il-korp ta' Ġesu msallab huwa xogħol fl-injam tassew artistiku magħmul minn Giuseppe Casha fl-1794. Il-koppla, kienet impinġija bħala affresk minn Lazzaro Pisani. għaddiet minn diversi mumenti ta' restawr u illum ftit li xejn baqa' minn ta' Lazzaro Pisani. Taħt il-koppla hemm erba lunetti tal-pittur Injazju Cortis li juru lil San Ġwakkin, lil Sant' Anna u l-Bambina, lil San Żakkarija ma' San Ġwann Battista u lil Santa Elizabetta.



Il-gallarija fil-Knisja ta' Sidna Marija ta' Porto Salvo

Il-pulptu fil-korsija huwa xogħol tas-seklu 18 li nħadem fil-ġewż b'maestrija kbira u li jitqies bħala ġawhra mill-isbaħ f'din il-knisja. Ħdejn dan il-pulptu hemm l-altar iddedikat lil San Ġwann Battista, bit-titular impinġi minn Rokku Buhagiar. Faċċata ta' dan l-altar hemm ieħor iddedikat lill-Madonna tal-Karmnu, xogħol ta' Stefano Erardi. Ħdejn il-bieb prinċipali tal-knisja, hemm l-altar ta' San Mikiel, bil-kwadru prinċipali mpitter fuq dak oriġinali ta' Guido Reni u faċċata tiegħu hemm l-ieħor iddedikat tat-Twelid ta' Ġesu li hu xogħol tal-pittur Pietru Pawl Caruana.

Il-pittur Francesco Zahra kien pitter xi wħud mill-kwadri tal-Via Sagra. Fuq il-bieb prinċipali, wieħed jista' jammira ix-xogħol fin tal-skultura tal-gallerija tal-orgni. F'din il -knisja insibu diversi oġġetti maħdumin fil-fidda li jintużaw waqt iċ ċelebrazzjonijiet liturġiċi . Uniku fost dawn huwa s-Salib tal-Via Sagra li huwa xogħol artistiku fl-injam imżejjen b'simboli tal-passjoni tal-fidda. Fl-1789 sar lampier tal-fidda ta' valur artistiku kbir.

Fl-1837, Waqt il-marda tal-Kolera l-Kunvent u l-knisja ġew issekwestrati mill-Gvernatur Bouvarie biex intużaw bħala sptar tal-infettati għal madwar tliet xhur, għaliex ma kienx hemm wisa' biżżejjed fl-isptar Ċentrali tal-Furjana.

Fil-21 ta' Awwissu 1702, quddiem l-Isqof Cocco Palmeri, kien sar ftehim importanti bejn il-Prepostu ta' l-Oratorjani, u l-Kappillan tal-Isla, fejn l-Oratorjani ġew mogħtija l-ġurisdizzjoni li jmexxu l-knisja huma, waqt li l-Kappillan jiċċelebra biss il-festa tal-Madonna tal-Porto Salvo.

Dun Xmun Schembri, il-fundatur tal-Orotorjani, miet f'Awissu 1723 fl-eta ta' 89 sena wara li mexxa l-Kongregazzjoni għal 60 sena sħaħ.  Prepostu ieħor magħruf kien Dun Franġisku Saverju Baldacchino, dan kien isib ħin biex jippriedka f'kull parroċċa ta' Malta. Wieħed għadu jista jara, miżmuma b'għożża fil-librerija ta' San Filippu, aktar minn 40 volum ta' priedki miktuba b'idejh. Meta l-predikazzjoni f'Malta kienet issir bit-Taljan, hu kien wieħed minn tal-ewwel li kiteb il-priedki bil-Malti.

Mal-mewt tal-prepostu Dun Angelo Raggio (Twieled fit-8 ta' Diċembru 1852 u miet fl-1928)  l-Oratorjani fl-Isla sfaw fix-xejn.



Il-koppla minn ġewwa fil-Knisja ta' Sidna Marija ta' Porto Salvo

Fis-16 ta' Jannar 1941, wara attakk bil-bombi l-Isla sofriet ħsarat enormi, bil-Bażilika ta' Marija Bambina, tintlaqat diversi drabi u saret ħerba, pero kien miraklu li l-Knisja tal-Porto Salvo intlaqtet ftit li xejn. Sakemm saret ir-rikostruzzjoni tal-Bażilika, il-Knisja ta' San Filippu serviet bħala l-knisja parrokkjali tal-Isla.

F' Settembru 1943  l-Arċipriet Brincat ħa ħsieb li jġib lura l-istatwa tal-Bambina mill-Kolleġġjata ta' Birkirkara u qiegħdha f'San Filippu minn fejn ħarġet il-purċissjoni storika bil-Bambina nhar it-8 ta' Settembru 1943. Kienet purċissjoni storika għall-fatt li meta waslet fix-xatt, inxterdet l-aħbar li l-Italja kienet ċediet. Baqgħet sservi bħala parroċċa sas-sena 1957, meta l-Bażilika reġgħet infetħet mill-ġdid.

Fis-sena 1958, wara li sar ftehim, il-komunità ta' Ġiżwiti, taħt it-tmexxija tas-superjur Patri Ġużeppi Galea SJ, ħadet f'idejha it-tmexxija tal-kunvent u l-knisja. Fl-1963, Patri Ġużeppi Delia SJ, sar it-tieni Superjur tad-dar. Għalkemm anzjan, kien jaf isaħħar lit-tfal bil-bużullotti li kien jagħmlilhom. Fil-letteratura Maltija huwa baqa' magħruf bħala l-poeta tal-Leġġendi. Fl-1979 sar Superjur tad-dar Patri Victor Xuereb SJ li dam Superjur għall-erbatax-il sena. Matul  fejn saru l-qofol tat-tiswijiet tal-Knisja, Kien hu nnifsu, flimkien ma' diversi voluntiera, li kaħħlu l-knisja minn barra u żebgħuha minn ġewwa.

Fl-2005, il-komunità tal-Patrijiet Ġiżwiti ħalliet il-Kunvent u tliet snin wara, fl-2008, l-komunità tas-Salesjani bdew joperaw minflokk, fejn impenjaw ruħhom biex fil-knisja jinħoloq dejjem aktar ambjent fejn iż-żgħażagħ iħossuhom aċċettati, apprezzati u mifhuma.

*Kitba  Fabian Mangion B.A., S.Th. Lic*

*Noti minsuġa mill-artikli lu deher fil-programm tal- 'Festa 2015'*

*Ritratti: N Gingell*

# Il-Knisja ta' San Ġiljan
# L-Isla

L-Isla hija waħda mit-tlett ibliet li jiffurmaw iż-żona tal-Kottonera. L-isem ta' din il-belt ġej żona tal-Kottonera. L-isem ta' din il-belt ġej mill-kelma Taljana Isola li tfisser gżira. Dan minħabba li l-art tal-Isla fil-fatt hi penisola.

Waħda mill-knejjes li nsibu f'din il-Belt hija dik iddedikata lil San Ġiljan. Din il-knisja tmur lura għas-sena 1311, meta Malta kienet għadha taħt il-ħakma tal-Aragoniżi. Ma' din il-knisja kien hemm ukoll ċimiterju. Din inbniet f'post li kien diġà msejjaħ l-Għolja ta' San Ġiljan. Dan il-lokal hu ftit metri biss 'il fuq mill-livell tal-baħar.


Il-faċċata tal-knisja ta' San Ġiljan

Jidher li l-Gran Mastru L'Isle Adam, kien imur ħdejn din il-knisja ghal kaċċja u biex jistrieħ. Maż-żmien bena dar kbira li saret magħrufa bħala Villa Sirena, fejn ħawwel ukoll għadd kbir ta' siġar taż-żebbuġ, u n-nies bdew issejħulha Buskett. Il-kavalieri bdew imorru hemm għall-kaċċa, għaliex sabuħ qrib ħafna tal-Birgu u setgħu imorru meta jridu.

Fl-1539, il-Kavallier Fra Diego Perez De Malfreire, Prijur tal-Portugal, u inġinier militari u arkitett tal-Ordni, ħa ħsieb li minn flusu jwaqqa' u jibni mill-ġdid din il-knisja ħelwa fuq disinn u pjanti tiegħu stess.

Fl-1553, il-Gran Mastru l-Franċiż, Fra Claude de la Sengle, beda jibni l-Isla u l-fortifikazzjonijiet tagħha, u ftit wara bdew imorru joqogħdu n-nies hemm. Fl-1565, seħħ l-Assedju l-Kbir ta' Malta u matul dan iż-żmien din il-knisja serviet bħala knisja sagramentali, bis-sevizzi reliġjużi u l-priedki. Saret post ta' faraġ spiritwali u ta' refuġju għall-popolazzjoni Sengleana li kienet qed tiġi assedjata, kif ukoll għall-Kavallieri u s-suldati, li kienu qegħdin stazzjonati hemm.

Il-Monsinjur Pietru Dusina żar lil din il-knisja fl-1575. In-nies tal-Isla ta' dak iż-żmien talbuh il-permess biex iżommu bi flushom saċerdot approvat mill-Isqof biex ikun jista' jqaddsilhom u jamministra s-Sagramenti f'din il-knisja, bi skomdu kbir għalih, billi ried iġib is-Santissmu Sagrament mill-Birgu. Iżda l-permess ingħatalhom. Monsinjur Dusina, hawn ukoll ħatar lil din il-Knisja ta' San Ġiljan, bħala Viċi Parroċċa tal-Paroċċa tal-Birgu. Biss, inżamm id-dritt lejn il-Kappillan tal-Birgu biex hemm jiġi amministrat is-Sagrament tal-Magħmudija. Dan kien l- ewwel każ fejn knisja f'Malta tingħata dan it-titolu ta' Viċi-Parroċċa. Sentejn wara twaqqfet il-Fratellanza tas-Santissimu Sagrament f'din il-knisja bl-iskop li xxerred id-devozzjoni lejn il-preżenza ta' Ġesù fl-Ewkaristija.

L-Isqof Baldassere Cagliares, fl-1624, offra din il-knisja lill-patrijiet Agostinjani Skalzi, u dawn min-naħa tagħhom mill-ewwel aċċettaw li jieħdu ħsiebha. Iżda wara biss sitt xhur, għal xi raġuni jew oħra, ma baqgħux jieħdu ħsiebha. Fl-1699 Raimondo di Domenico pitter kwadru artistiku ta' daqs ċkejken ta' San Ġiljan li kien juri lil dan il-qaddis minn

qaddu 'l fuq. F'Jannar tal-1693, terremot laqat lil Malta, u din il-knisja ta' San Ġiljan ġarrbet ħsarat kbar. Sitt snin wara, fi żmien il-Kappillan Dun Mikiel Testaferrata, ġie deċiż li l-knisja titwaqqa' għal kollox, minħabba li ma kenitx fi stat tajjeb u li terġa' tinbena mill-ġdid.

Wara li tlestew il-pjanti, beda x-xogħol fuq din il-knisja, hekk li fl-1710 tlestiet parti sew minnha. Fl-1712 tlesta għal kollox il-bini mill-ġdid ta' din il-knisja fuq pjanta tal-arkitett Malti Lorenzo Gafà. Dan l-arkitett żamm il-proporzjon u d-disinn ta' Malfriere fil-faċċata. Fuq din il-faċċata tpoġġiet ukoll l-istemma tal- Isqof Davide Cocco Palmeri.

Fl-1730 l-Isqof Paolo Alferan de Bussan żar din il-knisja fil-festa titulari ta' San Ġiljan. Fi żmien l-Isqof Giov. Carmine Pellerano, fl-1774, twaqqfet il-Fratellanza tad-Duttrina Nisranija f'din il-knisja. B'rabta mat-twaqqif ta' din il-Fratellanza, sar altar f'ġieħ San Vinċenz de Paule.




San Ġiljan (1821)
*Giovanni Battista Bonomo (1790 - 1859)*
*Kappella San Ġiljan - Isla*

Il-kwadreu titular ta' San Ġiljan

Giovanni Baptista Bonomo pitter il-kwadru titulari ta' San Ġiljan li nistgħu naraw illum. Il-kwadru juri lill-Qaddis liebes l-armatura ta' Kavallier. Fl-isfond wieħed jista' jara xena panoramika tal-Forti Sant' Anġlu u l-Forti San Mikiel. Fuq dan il-kwadru naqraw il-kelmiet mill-Ktieb tal-Profeta Isaija "*Protegam Civitatem Istam*" (*Jien ser nipproteġi din il-Belt*). Fl-1868, Mastru Anton Busuttil naqax fil-ġebel l-istatwa ta' San Pawl li hemm fil-kantuniera tal-Knisja ta' San Ġiljan.



L-altar maġġur fil-knisja ta' San Ġiljan

Fl-aħħar gwerra dinjija l-bini ta' madwar il-Knisja ta' San Ġiljan waqa' kważi kollu bil-ħbit tal-għadu. Għalkemm il-Knisja innifisha baqgħet sħiħa, sofriet ħafna ħsarat mill-*blast* tal-bombi li waqgħu fuq id-djar fil-viċin.

Fl-1944, wara li l-istatwa mirakoluża ta' Ġesù Redentur inġiebet lura l-Isla mill- Kolleġġjata ta' Birkirkara, fejn ittieħdet minħabba l-perikli tal-gwerra, inżammet għal xi żmien f'din il-knisja, sa ma tlestiet ir-rikostruzzjoni tal- Oratorju tal-Kurċifiss fl-1947.

Fl-1998 inħatt il-kampnar minħabba li kien fi stat dilapidat ħafna. Dan reġa' nbena mill-ġdid fuq l-istess qisien u disinn oriġinali tiegħu. L-erba' qniepen iġibu d-dati 1723, 1905 u tnejn 1906.

Il-festa Titulari ta' San Ġiljan tiġi ċċelebrata f'Jannar ta' kull sena.

*Kitba ta' Fabian Mangion*
*Editja tal-artiklur: Roderick Busuttil*
*Ritratti N Gingell*